**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 12**

It-Tnejn, 13 ta' Jannar 2025

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.04 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu u Kap tal-Kamra l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 11 li saret fit-18 ta' Settembru 2024 kienu kkonfermati.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia informat lill-Kumitat li l-ħsieb tal-Gvern kien li jressaq is-segwenti abbozzi għad-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari fil-Kamra, kif indikat fl-aġenda tas-seduta tal-plenarja ta' dakinhar stess:

- Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku;
- Abbozz Nru 113 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u r-Riabilitazzjoni ta' Persuni fis-Soċjetà; u
- Abbozz Nru 108 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

L-Onor. Cachia indikat li fir-rigward tat-tliet mozzjonijiet tal-Oppożizzjoni mressqa skont artiklu 11(a) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u allura marbutin b'terminu ta' żmien, ċjoè:

- Mozzjoni 317 – Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 168 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar Persuni li Jagħlfu l-Qtates (Onor. Janice Chetcuti);
- Mozzjoni 318 – Mozzjoni li tirrevoka l-Avviż Legali 183 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar il-Projbizzjoni tat-Tnissil u ż-Żamma ta' Klieb ta' Tip Bully Non-Pedigree (Onor. Janice Chetcuti); u
- Mozzjoni 319 – Mozzjoni għall-Emenda tal-Avviż Legali 177 tal-2024 – Kawżi Strateġiċi kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika (Onor. Karol Aquilina u Onor. Claudette Buttigieg),

il-ħsieb tal-Gvern kien li ż-żewġ mozzjonijiet imressqa mill-Onor. Janice Chetcuti, Mozzjoni 317 u Mozzjoni 318, jiġu diskussi f'seduta waħda fil-ġimgħa li tibda t-Tnejn, 20 ta' Jannar, filwaqt li Mozzjoni 319 imressqa mill-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Claudette Buttigieg, tiġi diskussa f'seduta fil-ġimgħa ta' wara.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar qal li kien se jagħti risposta dwar dan fi stadju ulterjuri.

## XOGĦOL IEĦOR

### Aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti

L-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni li wara li f'laqgħat preċedenti tal-Kumitat kien intlaħaq qbil li jinħatar kumitat *ad hoc* sabiex jinbeda l-proċess ta' aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti u kienu ġew nominati l-membri fuq dak il-kumitat, in-naħa tal-Oppożizzjoni ma kenitx ġiet avviċinata sabiex jiltaqa' l-kumitat.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg ddikjara li d-direzzjoni min-naħa tal-Gvern kienet li l-kumitat jiltaqa' u għaldaqstant kien se jitlob lill-Whip tal-Gvern tara x'xogħol kien sar s'issa u tavviċina lin-naħa tal-Oppożizzjoni biex il-kumitat għall-inqas jibda jaħdem fuq dawk il-proposti li seta' jintlaħaq qbil dwarhom.

### Xogħol ta' Membri Privati

L-Onor. Robert Cutajar qajjem il-punt li l-Oppożizzjoni kienet għadha qed tistenna indikazzjoni ta' meta se jittellgħu fuq l-aġenda tal-Parlament għall-Ewwel Qari l-abbozzi ta' liġi privati ppreżentati mill-Oppożizzjoni. Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri informa lill-Kumitat li n-naħa tal-Gvern kienet lesta ttella' fuq l-aġenda għall-Ewwel Qari dak l-abbozz ta' liġi li l-Oppożizzjoni tindika li kien se jiġi diskuss f'seduta nhar ta' Ħamis li tkun tmiss lill-Oppożizzjoni skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87.

Fuq talba għal direzzjoni mill-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Ispeaker irrimarka illi dan ix-xogħol huwa regolat mill-Mozzjoni ta' Proċedura 87.

### Kondoljanzi

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien hemm qbil li l-kondoljanzi fil-Kamra fir-rigward tal-Eks Membru Parlamentari l-Perit Michael Falzon, li kien ġie nieqes fil-5 ta' Jannar, meta l-Parlament kien wieqaf għall-ferjat tal-Milied, isiru fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025.

### Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li wara li fi tmiem l-2021 il-Kumitat kien approva l-ħatra tas-Sur Andrè Vella bħala Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell għal terminu ta' sena, sa tmiem l-2022, u din imbagħad iġġeddet għal sena oħra fis-17 ta' Jannar 2023 u għal sena oħra fit-8 ta' Jannar 2024, liema ħatra kienet sa tmiem l-2024, kienet se toħroġ sejħa interna fost l-impjegati tas-Servizz Parlamentari sabiex jimtela l-post. Min jintgħażel jieħu l-kariga b'effett mill-1 ta' April 2025. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Sur Vella jibqa' fil-kariga sal-31 ta' Marzu 2025.

Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta.

### Ombudsplan 2025 u Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-2025

L-Ispeaker fakkar li l-Kumitat kellu quddiemu għad-diskussjoni l-Ombudsplan 2025 u l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-2025 u talab liż-żewġ naħat biex jipproponu data għal laqgħa li fiha jiġu diskussi dawn l-estimi.

**Attivitajiet tal-Parlament**

L-Ispeaker iċċirkola lista ta' attivitajiet skedati li jsiru fil-Parlament fis-sena 2025.

L-Onor. Naomi Cachia ssuġġeriet li meta jkunu se jiġu organizzati attivitajiet fil-Parlament, l-informazzjoni relevanti, inkluż l-aġenda u l-programm tal-attività, għandhom jingħataw lill-Whips kmieni kemm jista' jkun sabiex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti meħtieġa.

L-Onor. Byron Camilleri ppropona li l-Uffiċċju tal-Ispeaker jistabbilixxi regoli bil-ħsieb li jkun hemm organizzazzjoni aħjar ta' tali attivitajiet.

**Inizjattivi bejn Malta u s-Santa Sede**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien irċieva komunika mill-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan dwar is-sittin anniversarju mit-twaqqif tar-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u s-Santa Sede fil-15 ta' Diċembru 1965. F'dan il-kuntest il-Parlament Malti kien qiegħed jiġi mħeġġeġ illi jwaqqaf Grupp ta' Ħidma mas-Santa Sede, u li l-Parlament Malti jipparteċipa fil-Ġublew tal-Parlamentari u tal-Gvernijiet li ser jigi ċċelebrat fil-Belt tal-Istat tal-Vatikan bejn l-20 u t-22 ta' Ġunju 2025. Peress li fid-dawl ta' dan kien maħsub li ssir laqgħa mal-Papa Franġisku u l-Kardinal Parolin bejn Marzu u April, huwa talab lill-Whips taż-żewġ naħat jinnominaw Membru minn kull naħa tal-Kamra, sabiex jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

Fit-3.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**